# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020**

**Numru 28**

**Rikors numru 347/08 JPG**

**John Sant**

**v.**

**Rita Sant**

Preliminari:

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attur mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Frar 2015, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

- **tikkonfermaha** in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni ulterjuri dwar l-inkompetenza *rationae materiæ* in vista tas-

sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datata 29 ta' Marzu 2012;

- **<u>tħassarha</u>** in kwantu laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u ċaħdet it-talbiet tiegħu, u invece tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tiegħu.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors guramentat ta' John Sant tat-22 t'Awwissu 2008, li jaqra hekk:

*1. "Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fis-7 ta' Settembru 2002 u minn dan iz- zwieg kellhom tifla wahda li jisimha Francesca li llum ghandna erba' snin,*

*2. "Illi fit-2 ta' Frar tas-sena 2007 l-esponenti u l-intimata isseparaw wara digriet moghti minn din il-Qorti tal-25 ta' Jannar 2007 kif jirrzulta mill-anness dokument JS 1;*

*3. "Illi peress li d-dar u cioe' l-fond 95, Redeember, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieha qabel il-kuntratt tas-separazzjoni JS 1 kienet kollha dar parafernali ta' l-esponenti u peress li l-esponenti b'ingann min-naha ta' l-intimata u dan wara li hi ghamlet rapporti foloz fuq, li hu immolestja lil bintu minuri Francesca, assenja nofs indiviz tal-propjeta' parafernali tal-fond tieghu lil martu u wkoll ikkonceda lill-intimata d-dritt ta' uzu u abitazzjoni li l-intimata permezz ta' komodat fl-istess dar ma bintu Francesca bl-eskluzjoni tieghu stess ghal perjodu ta' hames (5) snin tal-firma tad-datata' dan il-kuntratt tat-2 ta' Frar 2007;*

*4. "Illi peress li dan rl-kuntratt tat-2 ta' Frar 2007 fdak li ghandu x'jaqsam ix- xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti kien vizzjat fis-sens li huwa gie mqarraq meta ittrasferixxa nofs il-propjeta' parafernali lill-intimata u l-uzu ta' l-istess propjeta' intera bl-eskluzjoni teighu ghal peqodu ta' hames snin mit-2 ta' Frar 2007;*

*5. "U peress li huwa ghamel il-procedura ta' medjazzjoni skond il-procediment fl-atti ta' l-tttra numru 344/08 li din il-medjazzjoni giet maghluqa u li l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi b'kawza ad hoc u dan*

*fit-termini imposti mil-ligi skodn id-digriet numru 1117/08 tat-2 ta' Lulju 2008,"*

*"Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex.*

*1. "Tiddikjara li l-Artiklu 6A tal-kuntratt tas-separazzjoni personali atat-2 ta' Frar 2007 indikat.bhala Dok JS 1 huwa wiehed null;*

*2. "Tiddikjara li l-propjeta' 95, Redeember, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieha hija propjeta' parafernali tar-rikorrent John Sant;*

*3. "Tordna l-publikazzjoni tal-korrezzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni f dik il-parti fejn jissemma l-post 95, Redeember, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieha li ghandu u jibqa' propjeta' parafernali tar-rikorrent John Sant u tappunta Nutar pubbliku biex jippublika tali korrezzjoni;*

*4. "Tappunta kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci intimata.*

*"Bl-ispejjez."*

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-29 t'Awwissu 2008 (a fol. 17) fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh;

"Rat ir-risposta guramentata ta' Rita Sant tat-30 t'Ottubru 2008 (a fol. 29 et seq.) li taqra hekk:

*1. "Illi, in linea preliminari, l-azzjoni tal-attur hija wahda insostenibbli billi dak li qed jintalab mill-attur ser jaffettwa d-dritt ta' abitazzjoni u manteniment tal-minuri tifla taghhom Francesca, liema minuri mhix parti fil-kawza, u dan peress li skond il-kuntratt ta' separazzjoni taghhom stess it-trasferiment ta' nofs il-fond imsemmi sar ghas-saldu tal-qasma tal-komunjoni tal-beni u ghas-saldu tal-obbligu tal-attur ghall- hlas ta' manteniment fil-konfront tal-minuri u tal-konvenuta;*

*2. "Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, l-attur ittrasferixxa nofs il-fond matrimonjali mertu ta' din il-kawza ghas-saldu tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet kif ukoll ghas-saldu tal-obbligu tieghu ghal-hlas ta' manteniment versu uliedu u martu l-konvenuta u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni;*

*3. "Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, it-talbiet tal-attur huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghar-raguni li l-kuntratt li tieghu qed issir referenza fir-rikors ppresentat mill-attur ghandu l-kundizzjonijiet essenzjali sabiex il-kuntratt ikun jiswa';*

*4. "Illi il-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat mill-kontendenti u li ghalih isir riferenza fir-rikors ipprezentat mill-attur, huwa wiehed validu fl-intier tieghu;*

*5. "Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, il-kundizzjonijiet kollha fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, inkluz paragrafu 6A, huma*

*kollha kundizzjonijiet validi u skond il-ligi, kif ukoll maqbula bejn il-partijiet u ma hemmx l-elementi necessarji skond il-ligi sabiex dan l-artikolu jigi ddikjarat null,*

*6. “Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, fir-rikors promutur, qieghed isir accenn ghall-kwistjoni ta' molestja fuq il-minuri Francesca, liema kwistjoni qatt ma kienet involuta fl-ebda mod fil-kundizzjonijiet tas-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti;*

*7. “Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, m'hemmx il-kundizzjonijiet necessarji u rikjesti mil-ligi sabiex Artikolu 6A tal-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni jigi dikjarat null a bazi ta' ngann u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza;*

*8. “Illi b'hekk isegwi li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet huwa wiehed validu fl-intier tieghu, inkluz Artikolu 6A;*

*9. “Illi minghajr pregudizzju ghas-suecepiet, isegwi li l-kawza hija wahda bla ebda bazi pero hija biss frott ta' pika u ghira u giet intavolata minhabba motivi ulterjuri minn naha tal-attur, u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza,*

*10. “Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*“Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”*

“Rat il-verbal tas-6 ta’Jannar 2009 (a fol. 36 et seq.) li bih il-Qorti (Sezzjoni Familja) innominat lil Dr. Kenneth Gulia sabiex jisma’ x-xhieda viva voce;

“Rat id-digriet tas-17 ta’Gunju 2010 (a fol. 116) fejn il-Qorti (Sezzjoni Familja) laqghat it-talba u awtorizzat lill-konvenuta tipprezenta risposta guramentata ulterjuri fi zmien ghaxart ijiem;

“Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuta Rita Sant tat-28 ta’Gunju 2010 (a fol. 118 et seq,) li taqra hekk:

*1. “Illi hija giet awtorizzata tipprezenta risposta ulterjuri permess tad-digriet ta' din" l-Onorabbli Qorti datat 17 ta' Gunju 2010. (anness u mmarkat **Dok A**)*

*2. “Illi l-esponenti tirrileva li tenut kont tal-fatt li t-talbiet tal-attur huma sabiex jimpunja kuntratt ta' separazzjoni limitament ghal dak li jirrigwarda propjeta parafernali tieghu din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma dan il-kaz izda hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili li ghandha guris dizzioni tiddeciedi dwar it-talbiet tal-attur.*

*3. “Illi kif ritenut fis-sentenza **Bugeja Emanuel vs Bugeia Mary Rose et** Cit Nru 1843/2001RCPdeciza fl-4 ta' Lulju 2002 "Jsegwi li ghal kull provediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi that id-dispozizzjonijtet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, li*

*ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod iehor b'xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura civili u kummercjali."*

*4. "Illi din il-Qorti diga kellha diversi opportunita tippronunzja ruhha dwar dan il-punt u seniatament fl-atti tal-kawza* ***421/04AF*** *qua NC fl-ismijiet* ***Agnes Attard u Joseph Attard****.*

*5. "Illi kif ritenut ukoll fis-sentenza* ***Sylvana Tanti vs. Noel Tanti, Antoine Tanti u Maria Perrett****, Cit Nru* ***633/2008*** *deciza fit-30 ta'Jannar 2009 mill-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia : "Illi skond l-Avviz Legali 9/2004, regolamenti li jemendaw ir-regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), il- Qorti Civili (sezzjoni Gurisdizzjoni Generali) u Qorti tal-Magistati (Ghawdex)(Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja), fl-iskeda, fl-artikolu 4. hemm ipprowdut illi lill- Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili li ghandhom x'jaqsmu ma: Titoli 1,11 u IV ta l-ewwel ktieb tal-Kodici Civili;*

*"L-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Degrieti u Manteniment;*

*"L-att dwar l-esekuzzjoni reciproka ta' ordnijiet ta' Manteniment;*

*"L-att dwar iz-Zwieg u*

*"L-att dwar is-sekwestru u l-kustodja ta' minuri.*

*"Imbaghad skond l-artikolu 6 lill Prim Awla tal-Qarti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu filkompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis- Sezzjoni tal -Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja.*

***"Fil-kaz in, ezami,l-kawza, qed issir biex jigi annulati zewg skritturi li saru bejn l-intimati. F'kaz, ta' talba recissioni ta' kuntratt jew skrittura l-kompetenza hija tal-Prim Awla u mhux tal-Qorti tal-Familja."***

*6. "Illi din hija eccezzjoni ta'natura ta'ordni pubbliku u tista'tinghata f'kull zmien tal-kawza."*

"Rat il-verbal tas-7 ta'Dicembru 2010 fejn il-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) iddifferit il-kawza Sine Die;

"Rat id-digriet tal-5 ta'Mejju 2011 fejn il-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) laqghat it-talba u irriappuntat il-kawza ghas-smiegh;

"Rat in-nota t'osservazzjonijiet tat-30 ta' Novembru 2011 (a fol. 131 et seq.);

"Rat is-sentenza preliminari tal-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) tad-29 ta' Marzu 2012;

"Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2012 tal-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fejn il-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) iddifferit il-kawza Sine Die;

"Rat id-digriet tal-10 t'April 2012 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta appuntat il-kawza ghas-smiegh;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' John Sant tat-30 ta' Dicembru 2013 (a fol. 32 et seq.);

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ta' John Sant tas-6 ta'Gunju 2014 (a fol. 42 et seq.);

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Rita Sant tat-30 ta'Gunju 2014 (a fol. 45 et seq.);

"Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

"**Ikkonsidrat:**

"Illi mill-affidavit tieghu (a fol. 27 et seq)  John Sant xhed illi kien zzewweg lil intimata fis-7 ta'Settembru 2002 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla Francesca.

"Dan iz-zwieg kien wiehed bi glied kontinwu. John Sant xhed illi martu kienet harget bi qlajja li kien qed jabbuza sesswalment minn bintu u qaltlu li ghamlet rapport lil pulizija.

"Biex jevita' aktar inkwiet huwa kien accetta li ssir is-separazzjoni konsenswali u li juzaw avukat wiehed. Sant hareg barra mid-dar tieghu li kienet beni parafernali tieghu u baqghu jghixu fid-dar l-intimata u tifla taghha Francesca u ulied mill-ewwel zwieg Brandon, Victoria u Jessica.

"John Sant ghamel referenza partikolari ghal-klawsola sitta tal-kuntratt ta' separazzjoni li jghid:

> ***"...Illi l-partijiet qeghdin jaqblu li l-istess fond sejjer jinqasam bejniethom billi r-ragel aktar l-isfel f'dan il-kuntratt sejjer jassenja u jitrasferixxi nofs indiviz ta'; l-istess fond lill-mara. Il-partijiet jaqblu u r-ragel; jobbliga ruhu li ser jikkonciedi lill-mara d-dritt ta' uzu u abitazzjoni permezz ta' komodat fl-istess dar gia matrimonjali flimkien ma' binthom Francesca b'eskluzjoni tieghu ghall-perjodu ta' hames snin mid-data tal-firma ta' dan il-kuntratt u wara tali perjodu l-partijiet jobbligaw ruhhom li jbieghu l-imsemmija dar gja matrimonjali u r-rikavat tal-bejgh ta' l-istess jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u dan skond dak miftiehem aktar' l isfel f'dan il-kuntratt u dan bhala parti mill-obbligu tieghu ta' manteniment versu l-mara u uliedu."***

"Fix-xhieda tieghu a fol. 51 et seq. John Sant jghid illi id-dar in kwistjoni kienet inharqet u li sahhansitra huwa kien ghen lil martu fil-hidma ta' tindif tal-istess dar,u ezebixxa Dok. TL1 sa TL5 invoices, u hallas

ammont konsiderevoli ta' flus sabiex tigi irrangata id-dar in segwitu tan-nirien.

"John Sant xhed illi minkejja r-rapport illi martu allegat illi ghamlet, hadd mill-Pulizija ma kien baghat ghalih, ghalkemm kien kellmu Surgent meta kien mar l-Appogg. Martu baqghet tinsisti li jekk ma kienux ser jissaparaw, kienet ser issalbu u tiehu ir-rapport lil Pulizija. Huwa ikkonferma li mar ghand Dr. Mark Anthony Mifsud sabiex jissepara minn mal-mara.

"Gie ezebit *psycological assessment* tat-tifla minuri tal-kontendenti minn a fol. 70 sa 72.

"A fol. 77 Rita Sant in subizzjoni, ikkonfermat li zewgha min rajh kien ghen sabiex isiru reparazzjonijiet in segwitu tan-nirien tad-dar taghhom u kkonfermat il-kontijiet TL 1 sa TL 5 li gew imhallsa minn John Sant minn rajh.

"A fol. 92 Carmen Sammut *Clinical Psycologist* ikkonfermat ir-rapport taghha a fol. 70, u ikkonfermat li t-tifla matul is-sezzjoni ta' *play therapy* uriet li hija ghandha *attachment* mal-missier u ma urietx rejazzjoni ta' biza jew *rejection*.

"Spettur Mario Tonna ikkonferma illi minkejja li Rita Sant kienet ghamlet diversi rapporti kemm fuq id-Distrett ta-Qawra u kif ukoll fid-Distrett tal-Hamrun ma sab ebda rapport rigward abbuz ta' minuri. Huwa in kontro-ezami ikkonferma li ma jkunx jaf jekk sarux rapporti mal-*vice-squad* ghaliex mhux dejjem jidhlu fil-*piers*.

"A fol. 8aa John Sant ikkonferma illi l-mument li ddeciedu li jisseparaw sakemm iffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni ghaddew xi tlett xhur, u f'dawn it-tlett xhur martu kienet gheddietu diversi drabi li jekk ma jisseparawx titfghu il-habs. John Sant qatt ma ghamel rapport dwar dawn it-theddidiet. John Sant ikkonferma li kien mar jikkonsulta ma Dr. Cutajar xi erba' darbiet. Sant baqa' jsotni li Dr. Mifsud Cutajar kien l-Avukat tieghu u ta' martu u li Dr. Camilleri kien deher biss fuq il-kuntratt. Sant xhed sussegwentement illi ma jafx kemm il- darba martu ikonsultat ma Dr. Camilleri *"ghaliex ghamlet hafna affarijiet minn warajja"* – vide fol. 8ba.

"John Sant xhed illi l-Avukat Mifsud Cutajar ma kienx spjegalu l-kuntratt klawsola klawsola u li huwa lanqas ma kien qara l-kuntratt. John Sant ikkonferma illi l-Avukat tieghu kien tah il-parir illi jaqbel illi huwa u martu jisseparaw minhabba dak ir-rapport. A fol. 8ca Sant jghid illi jahseb li ra il-kuntratt darba qabel ma kien iffirmah. Huwa ikkonferma li jaf jaqra u li ma jafx jekk in-Nutar Butigieg kienx qara l-kuntratt qabel ma dan gie iffirmat mill-partijiet. Ikkonferma li huwa qatt ma ra r-rapport ma kien iffirma is-separazzjoni. A fol. 8da mitlub ripetutament biex jghid ghaliex iffirma il-kuntratt ta' separazzjoni, John Sant jghid:

> ***"jiena hemm zbaljat, veru zbaljat, nametti li zbaljajt ghax jiena ir-rapport qatt ma rajtu, imbaghad kellu jigi f'idejja d-dar, li jien m'ghamilt xejn lit-tifla."***

"John Sant xhed li ma qarax il-kuntratt kollu. Mitlub mill-Qorti sabiex jghid liema parti ma kienx qara, Sant xhed li huwa qara l-ewwel seba' faccati u ma jiftakarx li qara t-tmienja, d-disgha u l-ghaxar faccata. Huwa ikkonferma li gieli ghamel kuntratt ohrajn u lanqas dawn il-kuntratt ma kien qara.

"Dr. Camilleri a fol. 12aa, ikkonferma li huwa kien ippratroncina lil Rita Sant, u kien intavola l-kawza t'annulament ghan-nom taghha kontra John Sant. Ikkonferma li kien spjega il-kuntratt lil Rita Sant, kien saqsieha jekk kienitx kuntenta bil-kontenut tieghu u kien prezenti ghall-iffirmar tal-kuntratt, kif kien prezenti John Sant, l-Avukat tieghu Dr. Mifsud Cutajar u n-Nutar. Dr. Camilleri ikkonferma li n-Nutar kien qara il-kuntratt lil partijiet qabel ma dawn iffirmawh ***"cert dazgur li kien qrah."*** Dr. Camilleri xhed illi Rita Sant kienet ikkonsultat mieghu rigward il-kuntratt li kien gja gie abbozzat, huwa kien ra x'kellha bzonn temenda fil-kuntratt u ezegwixxa l-emendi u z-zidiet necessarji. Wara li Rita Sant kienet kuntenta bil-kontenut, kien gie finalment iffirmat il-kuntratt. Dr. Camilleri innega li huwa kien jahdem fl-istess ufficcju tal-Avukat Dr. Mifsud Cutajar. Kien wara sena mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt illi hu u Dr. Mifsud Cutajar ghaqdu ufficcju legali.

"Dr. Mark Mifsud Cutajar a fol. 12fa kkonferma il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti a fol. 4 et seq tal-process. Dr. Mifsud Cutajar ikkonferma li kienu prezenti il-partijiet, l-Avukati taghhom u n-Nutar ghall-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni izda ikkonferma li l-kuntratt ***"inqara fuq li inqara zgur"*** l ghaliex dan isir quddiem il-medjatur izda ma jistax jiftakar fil-preciz li nqara quddiem n-Nutar Buttigieg.

"Dr. Mark Mifsud Cutajar ikkonferma li John Sant kien ghadu jhobb lil martu, ried ihalliha komda finanzjarjament u dan sabiex hija ma jkolliex ghalfejn tohrog tahdem u konsegwentement ikun hemm inqas opportunita li hija ssib lil haddiehor.

"John Sant muri dokument SJ1 a Fol 14A jikkonferma l-kontenut tal-istess u cioe' rikors ghall-zbank ta' Euros 88,000 rapprezentanti s-sehem tieghu mill-bejgh tad-dar 95, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieha.

"In-Nutar Marco Buttigieg a Fol 18AA esebixxa kopja tal-kuntratt, kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti minnu redatt u cioe dokument NB1 li jinsab a Fol 19A. Huwa kkonferma li ma kienx involut fin-negozjati bejn il-partijiet ilghaliex dawn kienu rapprezentati mid-difensuri avukati taghhom. Ikkonferma bil-gurament illi huwa qara l-kuntratt shih qabel ma ffirmawh il-partijiet u kien cert minn dan mija fil-mija. Vide Fol 19BA. **In-Nutar cahad illi l-partijiet ffirmaw il-kuntratt f'temp ta' ghaxar minuti, irriafferma li huwa qara l-kuntratt kollu**

**lill-partijiet u apparti milli qrah spjega l-kontenut tieghu lill-partijiet. Vide Dok 18DA.**

“**Ikkonsidrat:**

“It-talba tal-attur tikkonsisti fit-talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet minhabba li il-kuntratt kien ivvizzjat fis-sens li l-attur “gie mqarraq” meta ttrasferrixa nofs il-proprjeta’ parafernali lil martu u l-uzu tal-istess proprjeta’ intera ghall-perjodu ta’ hames snin in segwitu ta’ 2 ta’ Frar, 2007.

“L-attur jankra l-allegazzjoni ta’ ingann fuq rapporti foloz li saru minn martu dwar xilja in veritiera ta’ korruzzjoni ta’ bintu minuri Francesca.

“Mill-provi migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, din il-Qorti tifhem illi Rita Sant in segwitu ta’ ghemil tat-tifla taghha mhux tas-soltu kienet hadet it-tifla ghand it-tabib u in segwitu l-isptar Mater Dei. **Kienu l-istess tobba tal-Mater Dei illi rreferu lil bint u l-omm lill-Appogg il-ghaliex dehrilhom illi kien hemm ilmenti dwar allegat abbuz sesswali tat-tifla mill-missier**. Rita Sant segwiet din ir-referenza medika, marret l-Appogg, giet mitkellma mis-Supretendent Sharon Tanti waqt illi t-tifla giet mitkellma minn clinical child psychologist Carmen Scicluna li irrilaxxat ir-rapport taghha li jinsab ezebit in atti.

“L-attur ipproduca l-Ispettur Mario Tonna li ghalkemm xehed li ma sabx rapport ta’ din in-natura fuq id-distrett tal-Qawra u fuq id-distrett tal-Hamrun, huwa ma kienx f’pozizzjoni jghid jekk sarux rapport mal-Vice Squad ghaliex dawn mhux dejjem jidhlu fis-sistema tal-PIRS.

“Illi mix-xhieda **prodotta l-Qorti tqis illi r-rapport lill-Awtoritajiet kompetenti sar u dan sar mhux minn Rita Sant innifisha izda il-ghaliex kienu l-istess tobba tal-isptar illi rreferewha ghall-Appogg minhabba dak li qaltilhom it-tifla minuri.** Rita Sant ma ghamlet xejn **ghajr** li segwit il-parir tat-tobba. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur jippretendi li din il-Qorti takkolji t-tezi tieghu (li fil-fatt ma kienx hemm rapport jew li sar rapport falz) u dan anki il-ghaliex l-attur fix-xhieda tieghu afferma li kien gie mitkellem mis-Surgent tal-Pulizija meta bghatu ghalih l-ufficjali tal-Appogg.

“Din il-Qorti f’dan ir-rigward taghmel accenn ghas-sentenza hawn taht indikata li fiha il-Qorti ezaminat x’inhuwa necessarju sabiex il-**kunsens** ta’ sid ghall-lokazzjoni ikun **vizzjat**, bi zball jew **b’qerq**.

> ***“Din il-prova hija rikjesta u naturalment da parti tal-atturi li qeghdin jallegaw il-qerq tal-konvenut, billi ghemil doluz ma jigix prezunt izda ghandu jigi ipprovat, (Artikolu 1924(20 Kodici Civili); Hu pacifiku li hawn si tratta ta’ kwistjoni ta’ fatt, ghalkhemm biex ghemil ikun doluz irid ikun tali li l-ligi tirrendih doluz kemm –il darba ssir prova fis-sens indikat.”***

"Vide s-sentenza fl-ismijiet **Monsinjur Arcidiacono Dr. Giuseppe Apap Bologna Navarra Casia et vs Gaetano Zahra** deciza **25 ta' Novembru 1963**.

"Illi din il-Qorti kellha l-opportunita tisma' lill-attur John Sant u tqis illi r-rikorrenti kien ghadu jhobb lil martu u li ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni ilghaliex ried ihalli lil martu finanzjarjament komda il-ghaliex kien ghadu jittama illi huma jirrikonciljaw. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan kien il-mottiv ghal kontenut tal-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni. Illi din il-Qorti tgharaf ukoll illi l-attur illum il-gurnata fehem illi din ir-rikonciljazzjoni qatt mhu ser issehh izda ma jistax, il-ghaliex ghandu ripensament fuq il-genorizita tieghu fil-kuntratt ta' separazzjoni, jipprova jimpunjah meta ma hemmx bazi legali ghall-allegazzjonijiet fierha tieghu. Dan qieghed jinghad il-ghaliex fix-xhieda tieghu stess ir-rikorrent John Sant jafferma repetutament illi huwa kien ghamel zball meta ma ivverifikax dwar ir-rapport, (vide Fol 8DA). Il-fatt illi l-attur zbalja meta ma ezegwix ir-ricerka necessarja ghar-rigward ir-rapport ma tistax titqies bhala bazi ghall nullita tal-kuntratt ta' separazzjoni.

"Din il-Qorti taghraf in oltre li minkejja l-attur donnu pprova jghati bixra tal-fatti speci illi graw antecedentement ghall-iffirmar tal-kuntratt billi jipprova jallega illi ma kienx jaf bil-kontenut tal-kuntratt, li l-partijiet kellhom avukat wiehed, u li n-Nutar lanqas biss qara l-kuntratt, il-provi ta' Dr Mark Mifsud Cutajar (vide Fol 12fa et seq), il-Magistrat Neville Camilleri (vide Fol 12AA et seq) u n-Nutar Marco Buttigieg (vide Fol 18AA et seq) indikaw l-oppost tal-verzjoni li l-attur qed jipprova jipperswadi lil Qorti biha.

"Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastejeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni ulterjuri dwar inkompetenza *ratione materae* in vista tas-sentenza tal-Qorti diversament presjeduta datata 29 ta' Marzu, 2012;

"Tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Rita Sant;

"Tichad it-talbiet tal-attur John Sant bl-ispejjez kontra tieghu."

## <u>Rikors tal-Appell tal-attur (05.03.2015):</u>

3. L-attur ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) L-allegazzjoni ta’ abbuż li kienet tirrepeti l-konvenuta fil-konfront tal-attur kienet ivvintata, kif jirriżulta mir-rapport u l-kontro-eżami taċ-*child psychologist* Carmen Sammut. Il-konvenuta rrikattatu biex tieħu dak li riedet u cioe` dak indikat fl-Artikolu 6A tal-kuntratt tas-separazzjoni. Huwa taħt biża’ għaddielha nofs il-proprjeta` parafernali tiegħu.

(ii) Tant il-konvenuta immanipulat dak li riedet hi, li kienet hi li ħaditu għand l-avukat tal-għażla tagħha, Dr Mark Mifsud Cutajar. Mhux minnu li nofs id-dar kienet qed tingħata bħala tpaċija għall-manteniment (kif xehed l-avukat Dr Mark Mifsud Cutajar) għaliex il-kuntratt ta’ separazzjoni kellu artikolu *ad hoc* dwar il-manteniment; fil-fatt kellu jħallas Lm62 fix-xahar manteniment.

(iii) Il-kuntratt ġie abbozzat mill-avukat tal-għażla tal-konvenuta, Dr Mark Mifsud Cutajar għan-nom tat-tnejn, u l-avukat Dr Neville Camilleri (illum maġistrat) daħal fl-istorja b’mod kosmetiku.

(iv) Mhux minnu li bħala avukat hu kellu lil Dr Mark Mifsud Cutajar u l-konvenuta kellha lil Dr Neville Camilleri (kif xehdet il-konvenuta). Fil-fatt iż-żewġ avukati kienu jaħdmu fl-istess uffiċċju.

(v) Tant il-konvenuta baqgħet thedded lill-attur biex tikkonsolida dak li mmanipulat (biex iżżomm nofs id-dar matrimonjali b’mod qarrieqi), li meta

l-attur inħarqitlu d-dar u b'mod volontarju mar biex jirranġa l-ħsarat, qaltlu li jekk kien ser jibqa' sejjer bil-kawża biex joħroġ 'il barra.

(vi) Għalkemm l-ewwel Qorti qalet li r-rapport lill-awtoritajiet ma sarx mill-konvenuta iżda mit-tobba tal-isptar, li rreferewha lill-Appoġġ minħabba dak li qaltilhom it-tifla, kienu fil-fatt il-manuvri tal-konvenuta fuq il-minuri Francesca li wasslu biex sar rapport lill-Appoġġ.

**<u>Risposta tal-Appell tal-konvenuta (27.03.2015)</u>**

4. Il-konvenuta wieġbet biex tgħid għaliex l-appell tal-atturi jimmerita li jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

**<u>Provi</u>**

5. **<u>L-attur John Sant</u>** fl-affidavit tiegħu[1] spjega li huwa u l-konvenuta żżewġu fis-7 ta' Settembru 2002 u li minn tali żwieġ kellhom tifla jisimha Francesca. Qal li ż-żwieġ kien episodju wara episodju ta' ġlied kontinwu, tant li martu pproponiet li jisseparaw. Qal li kienu użaw avukat wieħed għaliex hi stess qaltlu biex ma jqabbadx lill-Avukat Anglu Farrugia biex ma tidħolx il-qorti. Qal ukoll li l-konveuta "*ħarġet bil-qlajja"* li kien abbuża

[1] Affidavit tal-attur, fol 28 (proċess Qorti tal-Familja)

sesswalment minn binthom Francesca u li kienet qaltlu li kienet għamlet rapport lill-pulizija. Sostna li l-konvenuta kienet ġegħlitu joħroġ mid-dar proprjeta` parafernali tiegħu u li hu dan għamlu biex iżomm il-paċi peress li fid-dar parafernali tiegħu joqgħodu wkoll tlett itfal mill-ewwel żwieġ (tagħha).

6. Qal li l-pulizija qatt ma bagħtu għalih, iżda spjega li l-konvenuta:

> "*b'din it-theddida fuq rasi għal xejn b'xejn ġegħlitni naqbel mal-kuntratt tas-separazzjoni li jiena kelli niffirma fit-2 ta' Frar 2007 quddiem in-nutar, fejn wara rrealizzajt xi żball għamilt peress li jien ma kelli l-ebda alternattiva fuq it-theddid li kelli.*"

7. Isostni li l-kuntratt, senjatament il-klawsola 6A tiegħu, fejn ġie dikjarat li huwa kien qed jittrasferixxi nofs indiviż tal-fond lill-konvenuta, huwa wieħed vizzjat u kien għalhekk li wasal biex għamel din il-kawża.

8. Fix-xiehda tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009[2] spjega li d-dar parafernali tiegħu llum inħarqet (kif anke ġie rappurtat fil-gazzetta l-Orizzont, Dok TL[3]). Hu mar fuq il-post u offra l-għajnuna tiegħu. Qal li qaltlu "*Jekk trid tgħini, għini*". Qal li għamlu x-xahar ta' Jannar u nofs Frar inaddfu d-debris. Huwa ippreżenta Dok TL1, TL2, u Dok TL3[4] li skont hu huma invoices tal-ispejjeż li ħallas, u Dok TL4 u TL5, li skont hu huma invoices tal-ispejjeż li għadhom mhux imħallsin. Żied jgħid li wara li rranġa l-

[2] Xiehda tal-attur, 07.05.2009, fol 51 (proċess Qorti tal-Familja)
[3] Dok TL, fol 53-54 (proċess Qorti tal-Familja)
[4] Dok TL1, TL2 u TL3, fol 55-57 (proċess Qorti tal-Familja)

affarijiet fid-dar qatlu "*jekk inti se tibqa' sejjer b'din il-kawża oħroġ 'il barra minn din id-dar.*" u hu qabad u telaq.

9. Dwar ir-rapport tal-pulizija li allegatament għamlet il-konvenuta, qal li l-pulizija qatt ma bagħtu għalih. Spjega li darba minnhom kien mar l-Appoġġ u kien hemm xi pulizija mill-Ħamrun staqsih x'kien għamel lit-tifla, u hu kien qallu "*xi tridni nagħmlilha lit-tifla?*" Enfasizza li dan kien l-Appoġġ stess u mhux ġo għassa. Enfasizza li hu qatt ma ġie arrestat jew meħud id-Depot, u li lanqas qatt ma tressaq quddiem xi Maġistrat. Qal li l-konvenuta kienet tgħidlu li jekk ma jisseparawx "*se nsallbek u se nieħdok l-Għassa tal-Pulizija.*" Qal li kienet semmietlu li kienet se tieħu r-rapport l-għassa. Isostni li kien għalhekk li wasal biex iffirma l-kuntratt.

10. Qal li meta marru biex jisseparaw, l-Avukat Mark Mifsud Cutajar (l-avukat li kellha l-konvenuta qabel) kien qallu li meta tiżżewweġ hi jkollha dritt għal sehem mill-post avolja jkun tiegħu.

> "*Qalli l-kliem li jekk jiena ma nisseparax, ir-rapport li hemm għand il-pulizija u li għamliltli l-mara Rita Sant, jibqa' hemm għand il-pulizija u qalli li jekk nidħol il-qorti naf x'sistemi hemm u li jkolli kollox kontrija u nibla' xi xebgħa ħabs.*"

11. Kontro-eżaminat fit-18 ta' April 2013[5] qal li l-konvenuta kienet tgħidlu li għandha r-rapport tal-Appoġġ, u li jekk ma jisseparawx kienet titfgħu l-ħabs. Mistoqsi jekk qattx għamel rapport mal-pulizija dwar li l-

[5] Kontro-eżami tal-attur, 18.04.2013, fol 8A (proċess Prim'Awla Qorti Ċivili)

konvenuta kienet qiegħda theddu, irrisponda fin-negattiv. Mistoqsi jekk l-avukat tiegħu kienx Dr Mark Mifsud Cutajar, irrisponda fl-affermattiv. Mistoqsi kemm-il darba ikkonsulta miegħu dwar il-kuntratt irrisponda: *"Kemm-il darba morna, erba' darbiet forsi? Kien l-avukat tagħha wkoll s'intendi għax b'avukat wieħed."* Fuq suġġeriment li l-konvenuta fil-fatt kellha lil Dr Neville Camilleri, huwa qal li dan kien tela' biex jiffirma l-kuntratt. Mistoqsi jekk l-avukat Dr Mark Mifsud Cutajar kienx spjegalu l-kuntratt klawsola klawsola irrisponda li ma kien spjegalu xejn. Enfasizza li "*Jien il-kuntratt ma rajtux, jien kont sfurzat minnha biex nissepara bilfors ħabba t-tifla*". Kwantu għall-avukat Dr Mark Mifsud Cutajar, qal li dan kien qallu "*jaqblilkom tisseparaw ħabba dak ir-rapport għax hi ħa tmexxi bil-pulizija."* Reġa' ġie mistoqsi jekk rax il-kuntratt qabel ma ffirmah, u irrisponda "*Naħseb li rajtu darba*." Mistoqsi jekk kienx talab lil Dr Mark Mifsud Cutajar biex jieħu passi bil-qorti talli l-konvenuta kienet qed theddu, irrisponda fin-negattiv, u enfasizza li l-avukat Dr Mark Mifsud Cutajar kien qallu li jaqblilhom jisseparaw għaliex qalu li "*jista' jkun il-każ li tmexxi bil-pulizija qalli u titfgħek il-ħabs".* Spjega li għalhekk kellu jaqbel mal-avukat. Mistoqsi mill-qorti għaliex kellu jaqbel miegħu, wieġeb:

> *"Jien hemm żbaljajt, veru żbaljajt, nammetti li żbaljajt, għax jien ir-rapport qatt ma rajtu, imbagħad kellu jiġi f'idejja d-dar li jien m'għamilt xejn lit-tifla."*

12. Mistoqsi jekk qarax il-kuntratt kollu, wieġeb li ma kienx qrah kollu, u enfasizza li kien sfurzat jissepara. Muri l-kuntratt qal li jiftakar li qara

sas-seba' paġna, iżda mit-tmien paġna ma jiftakarx li kien qrah, għax qal li lanqas l-avukat Dr Mark Mifsud Cutajar ma qagħad jaqrahomlhom kollha. Mistoqsi jekk in-nutar kienx qara l-kuntratt kollu, wieġeb li kien qara l-parti ta' quddiem biss.

13. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2013 in subizzjoni[6] ikkonferma li fit-3 ta' Ġunju 2013 kien ippreżenta rikors[7] fejn talab li jirtira sehmu mir-rikavat tad-dar li nbiegħet bis-subasta (cioe` €88,000 minn €176,000).

14. **Il-konvenuta Rita Sant** fix-xiehda tagħha tat-23 ta' Marzu 2009 in subizzjoni[8] qalet li darba minnhom bintha kellha "*panic attack*" u t-tabib tal-klinika għamlilha karta għall-isptar. Qalet li marret biha l-emerġenza iżda t-tifla ma riedet lil ħadd imissha. Qalet li l-isptar bagħtuha l-Appoġġ. Spjegat li s-social worker qaltilha li l-ispettur Sharon Tanti kienet se tieħu l-każ, iżda din wara ftit qalgħet transfer u baqa' ma ġara xejn. Mistoqsija jekk ittieħdux proċeduri kontra l-attur, wieġbet "*għadhom le, għax ma jafux min se jieħu l-każ.*" Ippreċiżat li hija ma marritx għand il-pulizija. Ippreċiżat ukoll li huma ma sseparawx minħabba l-każ tat-tifla. Dwar id-dar matrimonjali kkonfermat li din kienet proprjeta` parafernali tal-attur. Ikkonfermat li l-kuntratt tas-separazzjoni sar meta kienet għaddejja l-investigazzjoni tat-tifla. Dwar difensuri, spjegat li hi kienet kellmet lill-

---

[6] xiehda tal-attur in subizzjoni, 13.06.2013, fol 12N (proċess tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili)
[7] Rikors Dok SJ1, fol 14 (proċess tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili), fejn talab li jirtira mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar, l-ammont ta' €88,000 bħala sehmu ta' nofs indiviż
[8] Xiehda ta' Rita Sant in subizzjoni, 23.03.2009, fol 37 et seq (proċess Qorti tal-Familja)

Avukat Neville Camilleri u l-attur kien kellem lill-Avukat Mark Mifsud Cutajar.

15. F'xiehda tagħha tas-7 ta' Ottubru 2009[9], ukoll in subizzjoni, qalet li d-dar inħarqet fl-1 ta' Jannar 2009. Ikkonfermat li l-attur kien taha l-għajnuna u taf li x-xogħlijiet saru. Sostniet li l-għajnuna li kien taha kienet minn jeddu, u mhux għaliex kienet talbitu hi. Ikkonfermat li l-invoices Dok. TL1 sa TL5 jirreferu għall-affarijiet li saru fid-dar. Ċaħdet li kienet qaltlu li jekk kien ser jibqa' għaddej bil-kawża jista' jitlaq 'il barra mid-dar.

16. **Carmen Sammut** (*child psychologist*) ippreżentat rapport datat 4 ta' Frar 2007[10] fir-rigward tal-minuri Francesca Sant (bint il-kontendenti). Qalet li kienet iltaqgħet mat-tifla darbtejn u li minn dak li osservat dehrilha li t-tifla ma kellhiex sentimenti negattivi fil-konfront ta' missierha u li hija fil-fatt "*may feel quite attached to him*".

17. Fix-xiehda tagħha tas-26 ta' Jannar 2010[11] ikkonfermat ir-rapport. Spjegat li hija kienet rat l-istat mentali tat-tifla u kkummentat fuqu. Enfasizzat li l-missier ma kienx preżenti. Spjegat li kienet użat "*play therapy*" biex tara kif it-tifla tirreaġixxi lejn il-figura tal-missier. Qalet li kien irriżultalha li "*It-tifla wriet li hija għandha attachment mal-missier u ma*

[9] Xiehda tal-konvenuta in subizzjoni, 07.10.2009, fil-77 et seq (proċess Qorti tal-Familja)
[10] Rapport ta' Carmen Sammut, fol 70 et seq (proċess Qorti tal-Familja)
[11] Xiehda ta' Carmen Sammut tas-26.01.2010, fol 92 et seq (proċess Qorti tal-Familja)

*wrietx reazzjoni ta' biża' jew rejection*."

18. **Il-Maġistrat Dr Neville Camilleri** fix-xiehda tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013[12] qal li jiftakar li kien ippatroċina lill-konvenuta fl-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni tagħha minn ma' żewġha l-attur. Xehed li qabel ma kien ġie iffirmat il-kuntratt kien ikkonferma mal-konvenuta jekk kienet kuntenta bil-kontenut tal-kuntratt. Qal li dakinhar tal-iffirmar kien hemm preżenti l-konvenuta u l-attur bil-konsulent legali tiegħu, kif ukoll in-nutar. Mistoqsi jekk in-nutar kienx qara l-kuntratt qabel ma ffirmawh il-partijiet, irrisponda fl-affermattiv. "*Ċert dażgur li kien qrah*". Qal ukoll li kien hemm negozjati fit-tul qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt.

19. Kontro-eżaminat qal li jekk jiftakar sew kienet ċemplitlu l-konvenuta biex tkellmu dwar kuntratt li kien ġie abbozzat. Qal li kienet ġiet l-uffiċċju tiegħu, ra x'kien hemm bżonn li jiġi emendat fih, u li wara li kienet kuntenta, eventwalment ġie ffirmat. Mistoqsi jekk fiż-żmien li ġie ffirmat il-kuntratt kienx jaħdem fl-istess uffiċċju legali ma' Dr Mark Mifsud Cutajar, wieġeb fin-negattiv. Qal li hu kellu uffiċċju l-Birgu u Dr Mark Mifsud Cutajar kellu uffiċju San Ġwann, u li kien wara xi sena mill-kuntratt li għamlu letterhead flimkien bħala uffiċċju legali wieħed. Mistoqsi jekk meta l-konvenuta ġiet bil-kuntratt abbozzat u lest kienx staqsiha jekk kinitx qed tikkonsulta ma' xi ħadd ieħor, wieġeb fin-negattiv. Qal li ma

[12] Xiehda tal-Maġistrat Dr Neville Camilleri tat-13.06.2013, fol 12A et seq (proċess tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili)

jafx jekk kinitx qed tikkonsulta ma' xi ħadd ieħor fil-fatt.

20. **Dr Mark Mifsud Cutajar** fix-xiehda tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013[13] xehed li huwa kien assista lill-attur fil-kuntratt tas-separazzjoni. Għalkemm qal li ma jistax jiftakar lin-nutar jaqrah, qal li hu żgur li l-kuntratt ikun inqara diversi drabi – inkluż għand il-medjatur u n-nutar. Fil-fatt qal li l-kuntratt (tul in-negozjati) inqara fuq li inqara, tant li qal "*iddejjaqt naqrah*". Qal li l-attur kellu jieħu deċiżjoni dwar jekk jaċċettax il-proposta dwar il-manteniment. Qal li filwaqt li hu kien xtaq li l-konvenut ma jagħtix manteniment peress li kien ser jagħti d-dar bħala kumpens, il-konvenut kien ried li xorta jagħtiha.

> "*Kont qed nipprova nipperswadih li bħala manteniment m'għandux jagħtiha, imma hu xtaq, hu, nemmen jien, li kien għadu jħobbha u ma xtaqhiex tmur taħdem, allur xtaq itiha l-flus f'idejha biex din tkun għadha d-dar u ma jkunx hemm riskju li tiltqa' ma' xi ħadd.*"

21. Kontro-eżaminat qal li fil-bidu kien mar għandu l-attur waħdu. Jiftakar li kienet ċemplitlu mara, u li kien mar l-attur; iżda mbagħad kienet anke tmur miegħu l-konvenuta. Qal li hu kien jittraduċi l-ideat tagħhom fid-draft tal-kuntratt, u meta kien hemm kunflitt kien qal lill-konvenuta biex issib lil ħaddieħor. Mistoqsi dwar jekk kienx qed jagħti parir lill-attur biex jagħti nofs id-dar parafernali tiegħu, spjega li l-konvenuta kienet se tingħata sehem mid-dar bħala tpaċija (*lump sum*) għall-manteniment.

[13] Xiehda tal-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar, 13.06.2013, fol 12F et seq (proċess tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili)

Mistoqsi allura għaliex dan ma ġiex rifless fil-kuntratt, in kwantu apparti li l-konvenuta tieħu nofs id-dar, ġie miftiehem li jgħaddilha manteniment ta' Lm62 għat-tifla u Lm50 għaliha, wieġeb li l-attur kien insista li jgħaddilha l-manteniment.

> *"Hu kien għadu qisu għadu jħobbha, taf inti f'separazzjoni jkollok a reluctant party u party illi jrid is-separazzjoni. Hu kien għadu dik il-parti illi għadu jridha, għadu jħobbha. Infatti anke l-idea tiegħu tad-dar, għax nemmen, dan x'nemmen jien, li kien qisu konvint li ħa jirbaħha lura, ħa jagħtiha dik l-istabilita` u speċi jirbaħha lura, l-idea li jħalliha stabbli ġod-dar….Dan kien l-isfond biex hu jkollu still ċans illi jerġa' jirrikindilja r-relazzjoni."*

22. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-konvenuta kienet qed tagħmel allegazzjonijiet ta' abbuż fuq il-minuri, wieġeb li jiftakar li kien inqala' l-inkwiet għaliex darba minnhom it-tfal l-oħra tal-konvenuta kienu nstabu jaraw films pornografiċi, liema films kienu tiegħu, f'xi kxaxen li kienu handy. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm xi investigazzjonijiet da parti tal-pulizija in segwitu għal xi rapport li għamlet il-konvenuta qal li ma daħalx fiha. Mistoqsi għaliex l-attur qagħad iġebbed sakemm iffirma l-kuntratt, wieġeb li kienet iktar każ ta' prokrastinazzjoni.

23. **<u>In-Nutar Mario Buttigieg</u>** fix-xiehda tiegħu tat-30 ta' Ottubru 2013[14] ikkonferma li kien in-nutar involut fil-kuntratt ta' separazzjoni li sar bejn il-kontendenti. Qal li kien iltaqa' mal-kontendenti u d-difensuri tagħhom (Dr Mark Mifsud Cutajar u Dr Neville Camilleri) fl-uffiċċju tal-

[14] Xiehda tan-Nutar Mario Buttigieg, fol 18A (proċess tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili)

Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar f'San Ġwann. Sostna li huwa kien qara l-kontenut tal-kuntratt kollu liż-żewġ partijiet. Qal li kien ċert mija fil-mija li kien qrah u anke spjegah.

24. Kontro-eżaminat, ċaħad li kienu damu biss għaxar minuti. Qal li kien impossibbli. Qal li bħala prattika huwa jaqra l-kuntratt kollu mill-bidu sal-aħħar għax inkella jkun null. Sostna li ma jiftakarx li f'għaxar snin qatt kellu kuntratt li qrah f'għaxar minuti. Enfasizza li kien anke spjega l-kuntratt lill-partijiet, inkluż il-parti dwar id-dar proprjeta` parafernali tal-attur.

25. **<u>L-ispettur Mario Tonna</u>** fix-xiehda tiegħu tat-30 ta' Marzu 2010[15] qal li rapporti ta' argumenti mill-konvenuta sab diversi: kemm fuq id-distrett tal-Qawra, kif ukoll fuq id-distrett tal-Ħamrun, iżda "*bħala reporting system dwar abbuż ta' minuri jiena ma sibt xejn.*" Qal li mir-records ma jirriżultax li kien ħa xi proċeduri kontra l-attur.

26. Kontro-eżaminat qal li jekk ikunu saru rapporti l-Vice Squad huwa ma jkunx jaf għax mhux dejjem jidħlu fil-PIRS[16] (li hija reporting system mal-Pulizija).

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

[15] Xiehda tal-ispettur Mario Tonna tat-30.03.2010, fol 105 et seq (proċess Qorti tal-Familja)
[16] Police Incident Reporting System

27. Il-klawsola 6A tal-kuntratt tas-separazzjoni iffirmat mill-kontendenti fit-2 ta' Frar 2007 taqra hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Il-partijiet jiddikjaraw illi d-dar matrimonjali, u cioe` il-fond, dar, Nru.: plot ħamsa u disgħin (95), bl-isem ta' Redeemer, li tinsab fi Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, li r-raġel akkwista fil-forma ta' art fabbrikabbli permess ta' kuntratt notarili fl-atti tan-Nutar Dottor Frank Portelli datat 21 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija, erbgħa u tmenin (21.05.1984), hekk kif aħjar deskritt fl-istess att, u li ġiet mibnija mir-raġel qabel id-data taż-żwieġ, hija proprjeta` parafernali tar-raġel, b'dan illi l-partijiet qegħdin jaqblu li l-istess fond sejjer jinqasam bejniethom billi r-raġel aktar 'l isfel f'dan il-kuntratt sejjer jassenja u jittrasferixxi nofs indiviż tal-istess fond lill-mara. Il-partijiet jaqblu u r-raġel jobbliga ruħu li ser jikkonċedi lill-mara d-dritt ta' użu u abitazzjoni permezz ta' kommodat fl-istess dar ġia matrimonjali flimkien ma' binthom Francesca b'esklużjoni tiegħu għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tal-firma ta' dan il-kuntratt u wara tali perjodu l-partijiet jobbligaw ruħhom li jbigħu l-imsemmija dar ġia matrimonjali u r-rikavat tal-bejgħ tal-istess jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u dan skont dak mifthiem aktar 'l isfel f'dan il-kuntratt u dan bħala parti mill-obbligu tiegħu ta' manteniment versu l-mara u uliedu."*

28. It-teżi tal-attur hija li s-suċitata klawsola 6A tal-kuntratt tas-separazzjoni hija nulla peress li l-kunsens tiegħu fir-rigward kien vizzjat minħabba "ingann" u "qerq" da parti tal-konvenuta; u dan għaliex allegatament kienet tgħidlu li jekk ma jisseparax kienet ser tieħu r-rapport tal-Appoġġ l-għassa u titfgħu l-ħabs.

29. Jidher allura li l-attur qed jippernja l-kawża fuq l-Artikolu 981 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

> *"981. (1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*"(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

30. Jirriżulta li l-kwistjoni fir-rigward tat-tifla (meta l-isptar kienu rreferewha l-Appoġġ wara l-episodju fejn kellha xi tip ta' *panic attack* u ma kienet riedet lil ħadd imissha) kien seħħ fiż-żmien li l-kontendenti kienu qed jisseparaw. Kif osservat l-ewwel Qorti, ma jirriżultax li l-konvenuta kienet qatt għamlet xi rapport (falz jew mhux) mal-pulizija; li ġara kien li t-tobba tal-isptar kienu rreferewha l-Appoġġ, imbagħad ic-*child psychologist* Carmen Sammut kienet għamlet rapport. Inċidentalment ir-rapport taċ-*child psychologist* ġie redatt fl-4 ta' Frar 2007, u cioe` jumejn wara li ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni.

31. Għalhekk qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti, ma kien hemm l-ebda rapport da parti taċ-*child psychologist*, iżda biss referral għall-Appoġġ da parti tal-isptar. Il-konvenut fil-fatt xehed li r-rapport taċ-*child psychologist* qatt ma rah, imbagħad ġie f'idejh id-dar u ra li fil-fatt ma kien hemm xejn kontrih fil-kontenut tiegħu. Fil-fatt f'dan ir-rigward ammetta li:

> *"Jien hemm żbaljajt, veru żbaljajt, nammetti li żbaljajt, għax jien ir-rapport qatt ma rajtu, imbagħad kellu jiġi f'idejja d-dar li jien m'għamilt xejn lit-tifla."*

32. Għalhekk anke kieku, għall-grazzja tal-argument, kellu jitqies li l-konvenuta verament hedditu li jekk ma jiffirmax il-kuntratt (inkluż il-klawsola 6A) kienet se "ssalbu" u tieħu r-rapport l-għassa, wieħed jistaqsi:

għaliex ma vverifikax fl-ewwel lok x'kien jgħid l-allegat "rapport" – li fil-fatt kien għadu qas biss ġie redatt? Fil-kawża ***Anthony Piscopo v. Charles Filletti et***, (2756/96/PS) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ġunju 2003, ġie ritenut li ma jistax jiġi allegat ingann meta l-fatti kienu faċilment aċċertabbli**:**

> *"Dan ma jistax ħlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wieħed għad-dannu tal-ieħor jammonta għad-dolo rikjest mil-liġi;*
>
> *"Jidher bil-wisq ċar minn dak ammess mill-istess attur illi hu irpoża l-fiduċja tiegħu fil-konvenut venditur. Jidher daqstant ieħor pero` ċar illi l-attur, kif ġja muri fuq, ma aġixxiex b'mod prudenti. Għall-kuntrarju, sorprendentement ikkomporta ruħu b'leġġerezza għamja. Multo magis, imbagħad, meta l-fatti kienu faċilment aċċertabbli, kif hekk skopra tardivament wara l-akkwist;*
>
> *"Ikun tassew faċli f'każijiet konsimili kieku kellu jiġi aċċettat illi bliskuża tal-allegata mala fede da parte ta' wieħed mill-kontraenti, il-kontraent l-ieħor japprofitta ruħu biex jeżimi ruħu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex iħassar u jannulla ftehim konkjuż;"*

33. Issa l-attur xehed li l-konvenuta kienet insistiet miegħu li għas-separazzjoni ma jqabbadx lill-avukat Dr Anglu Farrugia għaliex ma riditx tidħol il-qorti, u li ssuġġerietlu minflok lill-avukat Dr Mark Mifsud Cutajar. L-attur jipprova jinsinwa li dan l-avukat ma kienx qed jissalvagwardja l-interessi tiegħu: jenfasizza li kien l-avukat tal-għażla tal-konvenuta u li kien wieħed għat-tnejn li huma; jargumenta li għalkemm dakinhar tal-kuntratt tfaċċa l-avukat Neville Camilleri (illum Maġistrat), dan kien b'mod kosmetiku għaliex il-kuntratt kien għamlu Dr Mifsud Cutajar u inoltre f'dak il-perjodu jew ftit wara ż-żewġ avukati kienu jaħdmu fl-istess uffiċċju. Iżda hawnhekk ukoll, wieħed jistaqsi: jekk ma kienx komdu bil-fatt li l-

konvenuta ssuġġeriet lil Dr Mifsud Cutajar, u jekk ma kellux fiduċja fih, x'kien hemm x'iżommu milli jirrikorri għand l-avukat tal-fiduċja tiegħu (li jidher li kien l-avukat Dr Anglu Farrugia) u jitolbu parir dwar ir-"rapport" li allegatament kienet qed theddu bih il-konvenuta?

34. Inoltre, għalkemm l-attur xehed li Dr Mifsud Cutajar kien qallu li l-konvenuta ladarba hija miżżewġa kellha dritt għall-post, avolja huwa proprjeta` parafernali tiegħu, u li kien anke qallu li jaqbillu jissepara għaliex kienet se tmexxi bil-pulizija, u li kien kapaċi jibla' xi "xebgħa ħabs", dan bl-ebda mod ma ġie sostanzjat. Tibqa' biss il-verżjoni tal-attur. Dr Mifsud Cutajar invece xehed li fil-fehma tiegħu l-attur kien għadu jħobb lill-konvenuta u li kien "reluctant" biex jissepara, u li mhux biss ried jgħaddi lill-konvenuta nofs id-dar iżda adirittura (kontra l-parir tiegħu) ried ukoll jgħaddilha l-manteniment kull xahar: u dan kemm biex ma jkollhiex għalfejn toħroġ taħdem u tiltaqa' ma ħaddieħor, u kemm biex forsi jirbaħha lura.

35. Ikkonsidrat dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li ma hemmx bażi legali biex l-attur jimpunja l-klawsola 6A. Mhux biss ma ġiex ippruvat xi ingann da parti tal-konvenuta, iżda kif fuq spjegat, fi kwalunkwe każ, l-ingann allegat minnu kien faċilment aċċertabbli, u għalhekk ma jammontax għad-*dolo* rikjest mil-liġi.

**DECIDE:**

36. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata.

37. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Registratur
rm